**260. L-Onor Franco Debono ppropona:**

PERESS illi l-Prim Imħallef fil-ftuħ tas-sena forensi saħaq illi jista' jkun il-Gvern mhux jagħti l-importanza li jixraq lis-settur tal-ġustizzja kif qed jagħmel lil ċerti setturi tal-ekonomija, u peress illi l-ġustizzja, f'demokrazija, f'kull żmien, għandha tingħata importanza xierqa, għax hija waħda mill-komponenti essenzjali tad-demokrazija;

PERESS illi ilni għal dawn l-aħħar snin nattira l-attenzjoni, permezz ta' diskorsi ripetuti f'dan il-Parlament, fil-mezzi tax-xandir u b'mezzi oħra, kif ukoll internament fil-partit b'mod assidwu, illi fl-oqsma tal-ġustizzja u intern (li fil-maġġoranza kbira tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huma żewġ dekasteri separati), hemm bżonn riformi kbar, li jinċidu wkoll fuq it-tħaddim tad-demokrazija u fuq il-libertajiet u drittijiet fundamentali kemm fir-riżorsi umani, kemm fit-tagħmir kif ukoll f'xi setturi, fil-mentalità u fl-atteġġjament, u msemmi fosthom, imma mhux biss, il-kwistjonijiet dwar:

1. filwaqt li ninnota l-progress kbir li sar fl-aħħar għaxar snin fil-korp tal-Pulizija nissuġġerixxi r-riżoluzzjoni tal-pendenzi dwar il-*union* tal-pulizija kif ukoll il-pagamenti tal-arretrati dovuti tal-*overtime* tal-pulizija, li għandu jkun dejjem korp motivat u enerġetiku;

2. is-separazzjoni bejn il-funzjonijiet investigattivi u dawk ta' prosekuzzjoni fil-Korp tal-Pulizija;

3. tagħmir ta' apparat forensiku fosthom apparat tad-DNA, fil-kuntest usa ta' laboratorju forensiku f'saħħtu, (illi llum huwa kważi ineżistenti) illi huwa fundamentali għall-ħidma tal-pulizija;

4. is-separazjoni bejn il-funzjoni inkwirenti u dik ġudikanti tal-maġistrati, sabiex jitwaqqaf *pool* ta' maġistrati speċjalizzati u ffukati *full-time* fuq l-inkjesti;

5. tiġi riveduta l-proċedura tal-eliġibilità u l-ħatra tal-esperti, kif ukoll l-introduzzjoni tal-possibilità tal-produzzjoni ta' esperti *ex parte*;

6. id-dritt tal-avukat matul l-interrogazzjoni fir-rispett lejn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea, kif ukoll ir-*rule of disclosure*, u materji oħra anċillari;

7. reviżjoni u ri-definizzjoni ta' ċerti poteri tal-Avukat Ġenerali, kif ukoll id-dover li jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu f'ċerti ċirkostanzi;

8. riforma radikali fil-proċedura penali, inkluż tal-preżentati u rinviji;

9. reviżjoni u riforma tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Għajnuna Legali, sabiex wieħed jassigura illi min m'għandux mezzi jinkariga avukat privat ikollu d-dritt kostituzzjonali għal difiża adegwatament salvagwardjat;

10. riforma fil-qorti tal-familja, fejn il-medjazzjoni permezz ta' medjaturi *part-time* tiġi analizzata u jekk hemm bżonn riveduta;

11. reviżjoni tal-ammont ta' snin, u l-esperjenza rikjesti għal ħatra tal-ġudikanti, kif ukoll il-proċedura kollha kemm hi tal-mod tal-għażla, u l-età tal-irtirar, flimkien mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġudikanti;

12. eżami bir-reqqa tal-konsegwenzi tal-eżitu tal-aħħar proċedura ta' *impeachment,* tal-effikaċja ta' dan il-mekkaniżmu u l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja kif jeżisti fil-preżent, bħala *check and balance* kostituzzjonali ta' importanza, u jekk hemmx bżonn ta' reviżjoni;

13. li jdaħħal fis-seħħ bla dewmien l-att dwar il-ġustizzja riparatriċi, li jsaħħaħ ukoll id-drittijiet tal-vittmi, kif ukoll riformi estensivi fid-diversi aspetti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin;

14. li titwaqqaf *drug court*, li dwarha diskussjonijiet ilhom sejrin snin sħaħ;

15. jittieħdu passi konkreti sabiex id-dokument maħruġ mill-Kamra tal-Avukati '*Regulating the legal profession in the 21st Century*', li għandu jirregola l-professjoni legali, jiġi diskuss, analizzat u implimentat permezz ta' liġi;

16. jiġi kkunsidrat jekk wasalx iż-żmien illi l-*warrants* għal ċerti interċettazzjonijiet (li jikkonċernaw kriminalità u mhux sigurtà nazzjonali) mis-Servizz ta' Sigurtà jitneħħew minn taħt l-awtorità politika tal-Ministru u jgħaddu għand l-awtoritajiet investigattivi jew ġudizzjarji;

17. illi jitneħħa l-libell kriminali, kif ukoll jiġi rivedut l-ammont massimu ta' danni li jista' jiġi kkundannat iħallas min ikun ħati ta' libell sabiex jirrifletti l-ħsara kaġunata mill-istess, tenut kont ukoll tal-mezzi ta' komunikazzjoni inkluż l-internet, u l-kawżi ta' libell għandhom jinstemgħu mill-Qrati Superjuri preseduti minn Imħallef;

18. li jiġu riveduti l-*entry requirements* preżentement laxki iż-żejjed, għad-dħul fil-kors tal-liġi, sabiex jiġi mħares il-livell u l-prestiġju tal-professjoni legali;

19. li tiġi riveduta b'mod radikali is-sistema ta' ġustizzja fil-qasam tal-minorenni;

20. li tiġi msaħħa l-librerija tal-Qrati tal-Ġustizzja;

21. li jiġu konsolidati l-Kumitat Parlamentari għall-Kodifikazzjoni u Konsolidazzjoni tal-Liġijiet u l-*Law Commission* sabiex ikomplu jiġu aġġornati, rikodifikati u konsolidati l-liġijiet ta' pajjiżna;

22. li tiġi eżaminata bir-reqqa s-sitwazzjoni li qed tiżviluppa, inkluż fit-Tribunal tat-Talbiet Żgħar, tribunali varji, medjazzjonijiet, u arbitraġġi fejn f'pajjiż żgħir, ammont sostanzjali ta' litigi qed tkun determinata minn persuni li mhumiex ġudikanti *ai termini* tal-Kostituzzjoni, imma ġudikanti *part-time*, u b'mod partikulari l-konsegwenzi ta' sentenza kostituzzjonali riċenti dwar *forced arbitration*;

PERESS illi minkejja s-sejħiet kostanti, kemm internament, kemm fil-parlament, kif ukoll f'fora oħra, inkluż fil-mezzi tax-xandir f'ħafna minn dawn l-oqsma baqa' jew ma sar xejn jew l-affarijiet mexjin bil-mod immens, f'dawn l-oqsma tant sensittivi u importanti, li għandhom impatt fuq il-libertà u d-drittijiet fundamentali u li għandhom importanza mill-inqas dwar is-settur ekonomiku;

GĦALDAQSTANT nipproponi li din il-Kamra tar-Rappreżentanti tiddiskuti dawn il-materji, u tirrisolvi dwar dawk il-miżuri u passi li għandhom jittieħdu u b'liema mod.

08.11.11

**L-Onor Franco Debono ressaq din l-emenda f'Seduta 489 – 12.06.12:**

Fil-Mozzjoni Nru. 260, minnufih wara l-paragrafu 22 għandu jiżdied dan li ġej:-

"23. li tiġi stabbilita tielet grad ta' reviżjoni fil-forma ta' qorti suprema, jew fuq il-mudell tal-*cassazione* fl-Italja, jew struttura oħra ekwivalenti;

24. billi s-sistema tal-ġuri hija waħda tajba, għandu jiġi analizzat kif din tista' tiġi msaħħa u rfinuta.".